MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009

Rikors Numru. 556/2009

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru 899/09 JZM fl-ismijiet :**

**Jimmy Vella Limited (C12556)**
**vs**
**Net Shop Limited C38305 ;**
**Russian Foods Limited C42235 ;**
**Katrina Zax ID 35363A - P115502**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors ta' Katrina Zax f'isimha propju u in rappresentanza tas-socjeta' Russian Foods Limited ("ir-rikorrenti") presentat fl-10 ta' Lulju 2009 fejn tghid testwalment hekk –

*Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' sekwestranti huma bbazati fuq kuntratt ta' kiri bejn l-istess socjeta' sekwestranti u s-socjeta' sekwestrata Net Shop Limited,*

*kif jixhed il-kuntratt ta' kiri ta' April 2006 hawn anness bhala DOK A.*

*Illi allura isegwi li r-rikorrenti m'humiex il-legittimi kontradditturi ghat-talbiet tas-socjeta' sekwestranti stante illi l-istess rikorrenti m'ghandhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' sekwestranti.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti, ai termini tas-subartikoli (a) (b) (c) u (f) ta' l-Artikolu 836(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Numru 899/09 u dana skond dawk il-provvedimenti u modalijiet li jidhrilha xierqa u opportuni.*

**Rat** id-dokument li kien esebit mir-rikorrenti.

**Rat** id-digriet taghha tat-8 ta' Gunju 2009 fejn ordnat in-notifika tal-atti tar-rikorrenti lis-socjeta' Jimmy Vella Limited ("is-socjeta' intimata") b'terminu ta' sebat ijiem zmien biex twiegeb u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tal-1 ta' Lulju 2009.

**Rat** il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Lulju 2009 fejn *inter alia* s-socjeta' intimata tat ruhha b'notifikata bir-rikors.

**Rat** in-nota tas-socjeta' intimata presentata fit-22 ta' Lulju 2009 li tghid testwalment hekk –

*Illi d-domandi kontenuti fir-rikors odjern ghandhom jigu michuda bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-ispejjes kontra r-rikorrenti pro et noe stante illi l-imsemmija Katrina Zax kemm f'isimha propju kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza ta' Russian Foods Limited kienet intrabtet u obbligat ruhha li taghmel tajjeb ghal ammont dovut lil Jimmy Vella Limited minn Net Shop Limited u dana fil-presenza ta' diversi xhieda kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' l-istess rikors.*

**Qieset** il-provi u semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet waqt l-udjenza tat-22 ta' Settembru 2009.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn il-Qorti halliet ir-rikors sabiex jinghata l-presenti digriet kamerali.

**Rat** ir-rikors tas-socjeta' intimata tat-23 ta' Settembru 2009.

**Rat** ir-risposta tar-rikorrenti tat-2 ta' Ottubru 2009.

**Rat** id-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru 2009 fejn fl-ewwel lok ammettiet bhala prova d-dokumenti esebiti mis-socjeta' intimata u markati DOK KG1, fit-tieni lok ammettiet bhala prova d-DOK DN1 esebit mir-rikorrenti u fit-tielet lok halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera*.

**Ikkunsidrat -**

Meta l-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju (bhar-rikorrenti) jipprocedi skond l-**Art. 836(1) tal-Kap.12** sabiex jitlob ir-revoka *in toto* jew *in parte* tal-att, huwa obbligat iressaq it-talba tieghu permezz ta' rikors u jsostni t-talba skond xi wahda jew aktar mir-ragunijiet li huma elenkati minn paragrafi (a) sa (f) tal-istess Art. 836(1).

Fil-kaz in esami, ir-rikorrenti ressqet it-talba taghha abbazi ta' erbgha minn dawn ir-ragunijiet u cioe' –

Il-paragrafu **(a)** li jghid :

"*li l-att kawtelatorju m'ghadux iktar fis-sehh.*"

Il-paragrafu **(b)** li jghid :

"*li wahda mill-htigiet tal-ligi ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti.*"

Il-paragrafu **(c)** li jghid :

"*li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug ta' l-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju* iehor, jew *inkella jekk dik*

*il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni*."

**u**

l-paragrafu **(f)** li jghid :

"*jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli*."

**Ikkunsidrat –**

Qabel tghaddi biex tghid jekk jirrizultax jew le xi wiehed jew aktar mill-paragrafi citati mir-rikorrenti, din il-Qorti tghid li fil-kaz odjern ir-rikorrenti ma ressqet l-ebda talba skond **l-Art.836(8) tal-Kap.12** lanqas ressqet talba abbazi tal-**Art. 838A tal-Kap. 12**.

**Ikkunsidrat –**

Fl-accertament tat-talbiet tar-rikorrenti, l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak **biss** ta' *prima facie* ghaliex il-mertu kollu jrid jigi trattat u deciz fil-kawza propja bejn il-partijiet. Ghalhekk hemm limitazzjoni sinjifikanti fl-ezami li trid taghmel din il-Qorti f'dan l-istadju, tenut kont li hawn *si tratta* **dejjem** ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza fil-mertu. Mhux mistenni u lanqas mehtieg minn din il-Qorti li f'dan l-istadju toqghod tifli d-dettalji ta' l-mertu l-kwistjoni bejn il-partijiet u li wasslet ghall-hrug tal-Mandat.

Bhala fatt jirrizulta li l-mandat *de quo* kien presentat mis-socjeta' intimata ezekutanti in kawtela tal-pretensjonijiet taghha. Din il-Qorti ma tistax tidhol fil-mertu tal-pendenza meta tigi biex tqis il-fondatezza o meno tar-ragunijiet li wasslu lir-rikorrenti sabiex tressaq il-procedura odjerna. Din il-Qorti hija prekluza milli taghti gudizzju fil-mertu ghax dak mhux l-iskop tal-procedura skont l-Art.836 tal-Kap.12 ("**Camilleri vs Gove**" – PA/RCP

– 10 ta’ Mejju 2001). Fil-fatt f’dan il-kuntest din il-Qorti se toqghod lura milli taghmel dan.

**Ikkunsidrat -**

Il-provi tal-partijiet fil-qosor kienu dawn –

Karina Zax xehdet li mas-socjeta’ Jimmy Vella Limited hija dejjem ittrattat ghan-nom u in rappresentanza ta’ Net Shop Limited u qatt fil-kwalita’ personali taghha jew ghas-socjeta’ Russian Foods Limited. Meta hija tat lura c-cwievet tal-fond li Net Shop Limited kienet tikri minghand Jimmy Vella Limited il-ftehim kien li kull haga li Net Shop Limited kienet se thalli fil-fond kien se jsir propjeta’ ta’ Jimmy Vella Limited bi tpacija ghall-pendenzi li kellha Net Shop Limited. La hi personalment u lanqas Russian Foods Limited ma kienu parti ta’ dak il-ftehim. Ghal Net Shop Limited tkellem il-manager taghha Denis Neimand, li nserta li kien ukoll il-manager ta’ Russian Foods Limited.

Denis Neimand ikkorrabora dak li xehdet Karina Zax. Huwa qal li twieled ir-Russja pero’ kien cittadin tal-Irlanda (DOK DN1). Sar inventarju tal-oggetti kollha li thallew fil-fond, liema oggetti mbaghad intuzaw minn terzi li krew il-post minghand Jimmy Vella Limited wara li telqet Net Shop Limited. L-inventarju kien iffirmat minnu u minn rappresentant ta’ Jimmy Vella Limited. Fir-ricevuta tal-oggetti li nghatat Jimmy Vella Limited ma kienx hemm miktub *in full and final settlement.* L-inventarju bil-firem huwa DOK MA1. L-oggetti elenkati kienu ta’ Net Shop Limited u l-flus ghall-akkwist taghhom kienu provenjenti minn investiment li kien ghamel Artur Fidasch fil-kumpannija Net Shop Limited. Fin-negozju li sar ma’ Artur Fidasch, Karina Zax ittrattat fil-kwalita’ personali taghha.

John Mary sive’ Jimmy Vella xehed li Netshop Limited diga’ kellha problemi ta’ hlas mal-kumpannija tieghu meta Zax u Neimand kienu qed jarmaw il-hanut mnejn kienet se topera Russian Foods Limited. Infatti talbuh iz-zmien biex ma jhallsux il-kera ghax kienu qed

juzaw il-flus biex jarmaw il-hanut ta' Russian Foods Limited. Dwar l-inventarju DOK MA1 ma kien jaf xejn. Hu ma ffirmax dak l-inventarju. Mario Vella kien attenda ghal-laqghat mad-debituri pero' ma kellu l-ebda awtorita' li jiffirma xejn ghan-nom ta' Jimmy Vella Limited. Huwa pero' kkonferma li kien hemm equipment ta' Net Shop Limited li baqa' fil-post meta Jimmy Vella Limited hadet lura c-cwievet. Zax u Neimand ighixu flimkien fil-penthouse ta' Tonio Vella (li jigi hu Jimmy Vella) li tinsab St. Andrews. Ghalkemm ma sar xejn bil-miktub, Zax u Neimand accettaw li jaghmlu tajjeb huma personalment u bil-kumpannija Russian Foods Limited ghad-dejn li Net Shop Limited kellha fil-konfront ta' Jimmy Vella Limited. Dan sar fil-presenza ta' Mario Vella u tal-Av. Nicholas Vella Falzon. Il-hanut li kien mikri lil Net Shop Limited ma kienx qed jintuza lanqas bhala *internet shop.*

Mario Vella xehed li huwa kellu l-inkariku li jiehu hsieb il-kirjiet ta' Jimmy Vella Limited. Meta qamet il-kwistjoni tal-arretrati tal-kirja tal-hanut li kien mikri lil Net Shop Limited, saret laqgha ghand l-Av. Nicholas Vella Falzon, li ghaliha kienu prezenti x-xhud, Demis Neimand, il-mara tieghu u l-avukat taghhom fejn qalulhom sabiex ma jinkwetaw xejn ghax kienu se jirrangaw kollox huma personali u jhallsu mill-flus li kienu se jaqilghu mill-hanut l-iehor li kienu se jifthu. Qabel taw ic-cwievet, Neimand ried ihallas id-dejn billi jhalli l-computers. Ix-xhud kien jaf li ma kienu jiswew xejn ghax kien diga' kellu parir f'dak is-sens. Pero' l-*computers* xorta baqghu fil-post ghax Neimand ma kellux fejn iqeghdhom u sar inventarju taghhom. Il-computers li hallew ma nqatghux mill-pagament li kien dovut. Huwa kkonferma li kien jaf li fid-DOK MA1 tnizzlet il-klawsola – *All the above mentioned equipment is being transferred to Jimmy Vella Limited today 11th November 2008 along with the keys* u dwar dik il-klawsola wiegeb – *Iva imma dak ktibnieha hekk ahna biex ihallihom hemm halli hu ma jigix ighid illi tana iktar milli hemm, ghalhekk ghamilna hekk, mhux pacejniehom mal-flus.* Il-*computers* gew mormija. Fid-DOK MA1 ma sar xejn bil-miktub li Neimad u Zax kienu se jaghmlu tajjeb personalment.

Kien ukoll esebit <u>DOK KG1</u> li jikkomprendi ittri, *emails* u dokumenti ohra skambjati bl-Ingliz bejn id-difensuri tal-partijiet. Il-korrispondenza u l-*emails* skambjati huma senjalati "*<u>without prejudice</u>*", u ghalhekk mhumiex ammissibbli bhala prova lanqas ghall-fini tal-*prima facie.* In partikolari din il-Qorti tirreferi ghall-*email* tal-Av. Edward Saliba datata 17 ta' Novembru 2008 mibghuta lill-Av. Nicholas Vella Falzon. Din il-Qorti pero' hadet nota tal-abbozz tat-transazzjoni bejn il-partijiet.

**Ikkunsidrat –**

Att kawtelatorju anke min-nomenklatura tieghu huwa ntiz sabiex ihares il-kreditu f'kaz ta' decizjoni favorevoli ghall-kreditur - skont l-**<u>Art.829 tal-Kap. 12</u>** "sabiex iqieghed fiz-zgur il-jeddijiet tal-kreditur". Issa ladarba r-rikorrenti proprio et nomine qed titlob ir-revoka tal-att kawtelatorju, tispetta lilha l-prova tal-fondatezza tal-istanza taghha.

Il-kawzali tar-rikorrenti ezekutata huma dawn –

1) *"li l-att kawtelatorju m'ghadux iktar fis-sehh"* – **<u>Art.836(1)(a) tal-Kap.12</u>** :

Prova tar-raguni ghala l-att kawtelatorju m'ghadux aktar fis-sehh ma ngabitx. Anzi din il-Qorti tghid li *prima facie* rrizulta li bhala segwitu ghal dak il-mandat is-socjeta' intimata segwiet il-mandat b'kawza fil-mertu anke kontra r-rikorrenti proprio et nomine. **<u>Ghalhekk din il-kawzali ma tirrizultax pruvata</u>.**

2) *"li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti* – **<u>Art.836(1)(b) tal-Kap.12</u>**

Mhux ghal kollox car jew specifiku fit-test tar-rikors liema mill-*htigijiet tal-ligi* mhix aktar fis-sehh ghall-fini tal-hrug tal-mandat. Jekk ir-rikorrenti qed tirreferi ghal xi allegata irritwalita' jew nullita' tal-kawzali, allura dan mhux il-kaz almenu mad-daqqa t'ghajn, dato non concesso li l-

materia fl-assjem taghha trid tkun trattata fil-kawza fil-mertu.

3) *"li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug ta' l-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor*, jew *inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni*." – **<u>Art.836(1)(c) tal-Kap.12</u>**

Ta' din il-kawzali, ir-rikorrenti ma ressqet ebda prova ta' xejn.
**<u>Ghalhekk dik il-kawzali hija michuda</u>.**

4) *"jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."* – **<u>Art.836(1)(f) tal-Kap.12</u>**

Ir-rikorrenti ppresentat ir-rikors odjern kemm fil-kwalita' personali taghha kif ukoll in rappresentanza tas-socjeta' Russian Foods Limited. Il-kompitu ta' din il-Qorti huwa li tistharreg jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li l-ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni kontra l-persuni li ressqu t-talba ghar-revoka. Abbazi tal-provi li tressqu, din il-Qorti tghid li filwaqt li hemm bazi ta' pretensjoni *prima facie* kontra Karina Zax fil-kwalita' personali taghha, ma hemmx din il-bazi *prima facie* kontra l-kumpannija Russian Foods Limited. L-enfasi kollha tas-socjeta' intimata ezekutanti kienet li Karina Zax <u>personalment</u> kienet se taghmel tajjeb ghad-dejn ta' Net Shop Limited. Inoltre l-allegazzjoni cara tas-socjeta' Jimmy Vella Limited kienet li Karina Zax accettat li mid-dhul li taghmel min-negozju ta' Russian Foods Limited thallas id-dejn ta' Net Shop Limited. Imkien ma rrizulta lanqas *prima facie* li kien hemm xi accettazzjoni diretta jew indiretta da parti ta' Russian Foods Limited li taghmel tajjeb ghad-dejn ta' Net Shop Limited. Anke jekk wiehed kellu jaccetta ghall-fini tal-prova *prima facie* l-abbozz ta' transazzjoni, il-kumpannija Russian Foods Limited ma jirrizultax li kienet inserita bhala garanti ta' Net Shop Limited. Mhux l-istess

jista’ jinghad ghal Karina Zax fil-kwalita’ personali taghha. Ghalhekk ma hemmx bazi ta’ pretensjoni *prima facie* kontra Russian Foods Limited ghall-hrug tal-mandat de quo.

<u>Dwar il-posizzjoni ta’ Karina Zax fil-kwalita’ personali taghha</u>, din il-Qorti tghid li hija trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m’ghandux jigi mxejjen b’leggerezza, kif ukoll li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv jigi definit minn Qorti **(“<u>Mercieca vs Galea”</u> – PA/RCP – 29 ta’ Novembru 2001 ; <u>“Dingli et vs Sant et”</u> – PA/JRM – 27 ta’ Awissu 2008)**. L-argument tar-rikorrenti huwa li l-mandat ma messu qatt inhareg. Ir-raguni pero’ tolqot fil-qalba l-kwistjoni fil-mertu li allura trid titqies <u>biss</u> waqt is-smigh tal-kawza. Jekk ’il quddiem, fid-decizjoni dwar il-mertu, se jinghad li s-socjeta’ intimata ezekutanti m’ghandhiex jedd tesigi ebda hlas minghand r-rikorrenti fil-kwalita’ personali taghha kif qed tippretendi, xorta wahda ma jistax jinghad *ex post facto* li l-mandat ma kienx gustifikat. Is-success jew telf ta’ l-kwistjoni fil-mertu ma tista’ qatt tfisser li l-mandat kawtelatorju nhareg <u>necessarjament</u> b’mod fieragh jew vessatorju <u>(“**Spiteri vs Camilleri**</u>” – PA/JSP – 10 ta’ Jannar 1992).

Ghalhekk din il-Qorti tghid li filwaqt li z-zamma fis-sehh tal-mandat *de quo* fil-konfront ta’ Russian Foods Limited la hija ragonevoli u lanqas gustifikabbli, ma hemm xejn irragonevoli jew ingustifikat sabiex il-mandat *de quo* ma jibqax fis-sehh fil-konfront ta’ Karina Zax fil-kwalita’ personali taghha.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar ir-rikors tar-rikorrenti ezekutata billi filwaqt li <u>tichad</u> it-talba li ressqet fil-kwalita’ personali taghha ghar-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru Nru. 899/09 fil-konfront taghha, <u>tilqa’</u> t-talba taghha ghar-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru Nru. 899/09 JZM fil-konfront tal-kumpannija Russian Foods Limited (C42235).**

**L-ispejjes ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------